MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 15/1996/1

Rikors Nru: 15/96

Caterina Fenech, Jane mart Francis Mercieca, Joseph u Mary konjugi Sammut u b'digriet tad-9 t'April, 1997 assumew l-atti Jane mart Francis Mercieca u Joseph u Mary konjugi Sammut stante l-mewt ta' Caterina Fenech u b'nota tal-21 ta' Jannar, 2004 assumiet l-atti bhala rikorrenti s-socjeta' Olive Gardens Limited

vs

Giuseppi Fenech u b'digriet tal-Qorti ta' l-4 ta' Gunju, 1996 il-kunjom "Fenech" gie sostitwit bil-kunjom "Farrugia" u b'digriet tal-25 ta' Ottubru 2002 assumew l-atti Salvu, Anette, John, Francis, Joseph, Carmen u Carmelo ahwa Farrugia stante l-mewt ta' Guiseppe Farrugia u Carmen Farrugia

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-13 ta' Mejju, 1996 fejn esponew:

Illi l-esponenti jikri lill-intimat l-ghalqa li tikkomprendi wkoll razzett, imsejha "ta' Doccara" kuntrada ta' Bubaqra limiti taz-Zurrieq bi qbiela ta' erbgha u ghoxrin lira Maltija (Lm24.00) fis-sena pagabbli b'lura kull 15 ta' Awissu.

Illi l-intimat ilu ma jhallas il-kera mill-1992 u dan ghalkemm interpellat b'ittra ufficjali datata 28 ta' Mejju 1995.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgobha jawtorizzahom jirriprendi l-pussess ta' l-art fuq indikata mill-poter ta' l-intimat u jordna lill-intimat jizgombra mill-istess fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss prevja l-likwidazzjoni u hlas ta' kumpens xieraq li jista' jkun talvolta dovut lill-intimat skond il-ligi.

Ikkunsidra:

1. Ra r-rikors tal-31 ta' Mejju 1996 u d-digriet tieghu (diversament presedut) fejn il-kunjom "Fenech" gie mibdul f' "Farrugia".

2. Ra l-verbal tal-20 ta' Jannar, 1997 fejn Dottoressa Doreen Clarke dehret ghar-rikorrenti u Dr Siegfried Borg Cole deher ghal werrieta ta' l-intimat u gharraf lil Bord li sa fejn kien jaf Guiseppe Farrugia miet fl-10 ta' Dicembru, 1996 u ghalhekk ir-riferta tan-notifika tar-rikors bid-data tas-16 ta' Jannar, 1997 ma kienetx valida.

3. Ra li r-rikors tat-2 ta' April 1997 fejn intalbet it-trasfuzzjoni tal-gjudizzju minn ulied Catherine Fenech stante l-mewt taghha u d-digriet tad-9 ta' April, 1997 fejn intlaqghet it-talba.

4. Ra l-verbal tat-30 ta’ April 1997 fejn dehru whud mir-rikorrenti u l-intimata Carmen Farrugia u giet ordnata n-notifika tar-rikors kif leggittimat lill-intimati.

5. Ra l-verbal tal-15 ta’ Jannar 1998 fejn ir-rikors gie differit biex jigu finalizzati l-proceduri ghall-legittimazzjoni ta’ l-atti kif kien jirrizulta mill-process.

6. Ra l-verbal tat-12 ta’ Mejju 1999 fejn dehret wahda mir-rikorrenti u gharrfet lill-Bord li barra l-intimat kienet mietet ukoll ir-rikorrenti Catherine Fenech u r-rikors gie differit billi kieku ghadhom ma gietx finalizzata l-legittimazzjoni ta’ l-atti stante l-mewt ta’ l-intimat.

7. Ra l-verbal tas-16 ta’ Lulju, 1999 fejn gie dikjarat li l-atti vis-a-vis il-mewt tar-rikorrenti Catherine Fenech kienu gew legittimati u saret referenza ghal korrezzjoni minn Fenech u ghall-Farrugia. Hemm zball f’dan il-verbal billi l-avukat ta’ l-intimati ma giex notifikat. Hawn intalab li l-isem “Fenech” jitbiddel f’Farrugia.

8. L-intimata Carmen Fenech giet notifikata bir-rikors u d-digriet fil-5 ta’ Awissu 1999 (fol 31).

9. B’nota tat-12 ta’ Lulju l-Bord gie mgharraf bin-notifika tal-5 ta’ Awissu 1999.

10. Fil-verbal tat-22 ta’ Settembru 2000 gie mnizzel li ‘jonqos in-nomina ta’ kuraturi’ (fol 36).

11. Fis-seduta tal-25 ta’ Jannar 2002 John Farrugia bin l-intimat gharraf lill-Bord li ommu mietet ukoll.

12. Fis-6 ta’ Mejju 2002 sar rikors mir-rikorrent biex issir legittimazzjoni a tenur ta’ l-artikolu 807 tal-Kap 16. Gew ordnati n-notifiki fl-10 ta’ Mejju 2002 li ma sarux.

13. Gew mahtura kuraturi fl-4 ta’ Gunju 1996 (fol 41).

14. Fis-seduta tal-25 ta’ Ottubru 2002 intlaqghet talba ghat-trasfuzzjoni tal-gudizzju maghmula mill-werrieta ta’ Guiseppe Farrugia (fol 46).

15. Fis-seduta tas-16 ta’ Ottubru, 2003 il-Bord kif presedut beda jiehu konjizzjoni ta’ dan ir-rikors.

16. B’nota tal-21 ta’ Jannar 2004 assumiet l-atti minflok ir-rikorrenti s-socjeta’ ‘Olive Gardens Investments Ltd’.

17. L-intimati taw ruhhuom b’notifikati fl-istess seduta izda l-avukat tar-rikorrenti qajjem il-kwistjoni li l-intimati kienu kontumaci u nghata l-fakulta’ li jaghmel nota fi zmien hmistax.

18. Fl-4 ta’ Frar talba estensjoni taz-zmien ghan-nota liema talba giet milqugha jumejn wara jgifirieri fis-6 ta’ Frar 2004.

19. Qabel fis-16 ta’ Ottubru, 2003 il-Bord kien iddifferixxa l-kawza “ghall-21 ta’ Jannar 2004 fil-11:00a.m. ghall-provi kollha li fadal b’dan illi jekk ma jidher hadd il-kawza tigi kancellata mill-lista.” Il-Bord, kif presedut ghamel dan il-verbal ghax kienu qed jitqajjmu hafna kwistjonijiet bla htiega minghajr qatt ma jsir xejn. Ir-rikors ghadda minn idejn tlett ‘gjudikanti’ u ilu sejjer aktar minn disa’ snin. Dahlu wkoll avukati godda. B’danakollu kien indulgenti mal-partijiet kif juri l-verbal tat-23 ta’ Settembru 2004.

20. Il-Bord izid li dawn huma <u>proceduri sommarja</u> u rikors jista’ jigi kontestat minghajr ma titressaq risposta. Li atti ma gewx notifikati imma l-partijiet hallew kollox miexi. Li ma jifhimx il-Bord hu kif socjeta’ tassumi l-atti b’nota ta’ l-avukat taghha u n-naha l-ohra taghti ruhha b’notifikata u <u>l-avukat tas-socjeta’ rikorrenti issostni li l-intimati huma kontumaci.</u>

21. Il-Bord ghar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafu ta’ qabel dan jichad l-eccezzjoni tal-kontumacja u jordna li l-partijiet iressqu l-provi kollha fis-seduta tat-23 ta’ Frar 2006 fid-9:00a.m. billi hadd mill-partijiet ma ressaq provi sa issa. Dakinhar issir trattazzjoni u r-rikors jigi differit ghas-setenza. Il-Bord jifhem li ukoll hu setgha tawwal il-proceduri.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------